Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,228, 9 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 156 tal-2019

ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Livell Minimu ta' Ħażniet ta' Żejt Mhux Maħdum u jew ta' Prodotti Petroliferi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37(1) tal-Att dwarir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Livell Minimu ta' Ħażniet ta' Żejt Mhux Maħdum u, jew ta' Prodotti Petroliferi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar iż-Żamma ta' Livell Minimu ta' Ħażniet ta' Żejt Mhux Maħdum u, jew ta' Prodotti Petroliferi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 545.09.

Bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1581 tad-19 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE fir-rigward tal-metodi ta' kalkolu tal-obbligi ta' ħżin.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "ħażniet ta' żejt" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira l-ġdida li ġejja:

""ħażniet ta' żejt" tfisser ħażniet tal-prodotti tal-enerġija elenkati fil-Kapitolu 3.4 tal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (3) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "sal-31 ta' Marzu" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "sat-30 ta' Ġunju".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fis-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Kapitolu 3.4 tal-Anness A tar-Regolament

(KE) Nru 1099/2008.".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu, il-kliem "fit-Taqsima 4 tal-Anness B li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Kapitolu 3.4 tal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008"; u

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem"Taqsima 3.2.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Taqsima 3.2.2.11 tal-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008".

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-Ewwel Skeda
Regolament 3

METODU GĦALL-KALKOLU TAL-EKWIVALENTI F'ŻEJT MHUX MAĦDUM TAL-IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI PETROLIFERI

L-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-importazzjoni ta' prodotti petroliferi, kif imsemmi fir-regolament 3, għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-metodu li ġej:

1. It-total tal-importazzjoni netta ta' żejt mhux maħdum, ta' likwidi tal-gass naturali (NGL), ta' materja prima tar-raffineriji u ta' idrokarburi oħra, kif definit fl-Anness A, Kapitolu 3.4. tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 (*), għandu jiġi kkalkulat u aġġustat biex jittieħed kont ta' kwalunkwe bidliet fl-istokk. Mill-figura li tirriżulta, se titnaqqas waħda mill-figuri li ġejjin għar-rendiment ta' nafta:

(a) 4 %;

(b) ir-rendiment medju ta' nafta;

(ċ) il-konsum attwali nett ta' nafta.

2. It-total ta' importazzjonijiet netti ta' prodotti petrolifiċi oħra, kif definit fl-Anness A, Kapitolu 3.4. tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008, bl-esklużjoni tan-nafta, għandu jiġi kkalkulat u aġġustat biex jittieħed kont tal-bidliet fl-istokk u għandu jiġu mmultiplikat b'fattur ta' 1,065.

Is-somma taċ-ċifri li jirriżultaw mill-partiti 1 u 2, tirrappreżenta l-

ekwivalenti f'żejt mhux maħdum.

L-imħażen marittimi internazzjonali m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu.

(*) Kif modifikat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2010 tad-9 ta' Novembru 2017.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

7. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Taqsima 3.2.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008" tagħha, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Taqsima 3.2.2.11 tal-Anness C tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008"; u

(b) il-kliem "fit-Taqsima 4 tal-Anness B li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008" tagħha, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Kapitolu 3.4 tal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008.".

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, il-kliem "fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fil-Kapitolu 3.4 tal-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008".